**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 149/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**-Vs-**

**-OMMISIS-**
**(ID: 566487M)**

**Illum, 20 ta' Mejju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **-OMMISIS- ta' 33 sena** dententur tal-karta tal-identita` bin-numru 566487M tressaq quddiemha akkuzat talli fit-3 ta' Dicembru 2020 u/jew fil-gimghat ta' qabel, f'diversi hinijiet matul il-gurnata, minn gewwa Hal Qormi, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminjiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew isir uzu minnha specifikat, u li kienet fdata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba depositu neccessarju, u cioe' apparat elettroniku,

ghad-dannu ta' Complete IS u/jew persuni jew entitajiet ohra, b'valur li jeccedi l-hamest elef ewro (€5,000)

2. Ikkommetta serq ta' telefons cellulari u apprat elettroniku iehor, liema serq huwa aggravat bil-persuna, liema valur huwa aktar minn elfejn eltt mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Complete IS' u/jew entitajiet ohra;

3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtrara hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentemtn b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2021, l-Ufficjal Prosekutur qara u halef l-akkuzi bil-gurament;

Semghet lill-imputat waqt l-ezami iwiegeb li huwa hati;

Rat illi wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegat l-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom u ssospendiet fattwalment is-seduta biex taghti zmien lill-imputat biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Rat illi minkejja dan, il-Qorti semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi nghata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-pieni erogabbli ghal kull akkuza li jinsab mixli bihom;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-akkuzi migjuba huma kollha alternattivi ghal xulxin;

Semghet lill-imputat jiddikjara li huwa hati tat-tieni imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi l-kawza kienet differita ghal-lum biex tinghata s-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif inghad, wara li gie dikjarat mill-Prosekuzzjoni illi l-akkuzi kollha dedotti fic-Citazzjoni ingiebu b'mod alternattivament ghal xulxin, l-imputat ammetta ghat-tieni imputazzjoni ta' serq aggravat bil-persuna u bil-valur, liema valur huwa minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). Ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjoni.

Ghalkemm il-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tliet akkuzi dedotti kontra l-imputat ingiebu b'mod alternattiv ghal xulxin, dan hu f'kull kaz ovvju min-natura stess tal-akkuzi stante illi min ikun hati li seraq oggett, ma jistax jinstab hati wkoll fl-istess hin, tar-

reat ta' approprjazzjoni indebita jew ta' ricettazzjoni kwantu ghall-istess oggett, kif del resto gie addebitat fl-ewwel u t-tielet akkuzi rispettivament. Barra minn hekk, il-htija tal-imputat ghar-reat ta' serq - u mhux tar-reati l-ohrajn adebitati lilu fic-Citazzjoni - jirrizulta b'mod evidenti miz-zewg stqarrijiet li huwa rrilaxxa lill-Pulizija, esebiti fl-atti (Dok. KP4 u KP5).

Ghar-reat li ammetta l-htija tieghu l-imputat, addebitat fit-tieni imputazzjoni, l-Artikolu 279(b) u l-Artikolu 280(1) tal-Kapitolu 9 jiddisponu illi l-piena li ghandha tinghata hija dik ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 9, din il-piena ma tistax tinghata fil-*minimum* taghha.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom in-natura indiskutibbilment serja tar-reat mertu tat-tieni imputazzjoni, liema serjeta` hija aggravata bil-fatt illi l-valur tal-oggetti misruqa huwa konsiderevoli kif ukoll bil-fatt illi s-serq sar minn impjegat ghad-detriment tal-principal tieghu. Hu ovvju li l-pozizzjoni tieghu ta' impjegat iffacilitat it-twettiq ta' dan ir-reat da parti tal-imputat: dan kollu jirrizulta ampjament mill-istqarrijiet li rrilaxxa l-imputat, fejn ammetta li huwa impjegat tal-kumpanija Complete IS li topera n-negozju bl-isem A to Z Electronics - id-derubat f'dawn il-proceduri. Hadet qies ukoll tal-valur sostanzjali tal-oggetti misruqa mill-imputat, izda wkoll il-fatt illi l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-kumpilazzjoni, ossia waqt l-ezami tal-istess imputat a tenur tal-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 u l-ko-operazzjoni pjena li wera l-imputat waqt l-investigazzjonijiet tal-Pulizija. Ghandu jinghata wkoll id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali kompletament netta. Izda fuq kollox, ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat **hallas lura dan il-valur kollu qabel addirittura gietipprezentata c-Citazzjoni in dizamina**[1].

[1] Ic-cheque ipprezentat lil Noel Sammut huwa datat 26 ta' Frar 2021 (Dok. KP1) filwaqt li r-reati gew kommessi fit-3 ta' Dicembru 2020 u l-gimghat ta' qabel.

Illi d-difiza waqt it-trattazzjoni ippuntwalizzat illi l-imputat kellu trobbija mhux facli kif ukoll kien ghaddej minn perijodu difficli psikologikament fiz-zmien li wettaq ir-reat u kien proprju f'dan l-isfond li huwa wasal biex iwettaq ir-reat. Il-Qorti tosserva illi r-reat twettaq b'abbuz sfaccat da parti tal-imputat mill-pozizzjoni tieghu ta' impjegat u mill-fiducja tal-principal tieghu, ghaliex huwa seraq proprju l-oggetti appartenenti lill-kumpannija li kien impjegat maghha u li kien fdat li jbieghhom. Ghalkemm hija tal-fehma assoluta li dan l-agir kriminali huwa wiehed li ma jistax jigi tollerat, irrispettivament mir-ragunijiet li setghu wasslu biex jitwettaq dan ir-reat ta' serq, u irrispettivament ukoll minn kwalsiasi sfidi partikolari li jista' jkun qed jirriskontra l-awtur tar-reat, il-Qorti f'dan il-kaz ma tistax tinjora l-ammissjoni u l-ko-operazzjoni pjena, immedjata u assoluta tal-imputat waqt l-istqarrijiet li huwa rrilaxxa lill-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet, kif ukoll il-fatt illi inqas minn tliet xhur wara t-twettiq tar-reat, l-imputat kien diga` hallas lura dak kollu li kien qed jigi pretiz mill-principali tieghu.

Il-Qorti hadet qies ukoll tal-fatt illi l-imputat iddispjacih genwinament ghall-hsara li rreka lill-principal tieghu u wera din is-soghba billi hallsu lura l-valur kollu tal-oggetti misruqa minnu. Dan id-dispjacir li wera l-imputat ghal ghemilu huwa, fil-fehma tal-Qorti, korollarju tal-fatt illi, kif diga` stabbilit, l-istess imputat huwa novizz fil-kriminalita` u mhuwiex delinkwent. Il-Qorti ghalhekk taghraf li ghandha tiehu, b'mod tempestiv, il-mizuri mehtiega biex tassigura li, kemm jista' jkun, dan l-agir tal-imputat ma jirripetix ruhu. Dan tista' tassigurah biss jekk taghti lill-imputat sanzjoni komunitarja u mhux piena karcerarja - liema piena l-Qorti ma thossx li tkun wahda xierqa fic-cirkostanzi ghaliex hu ovvju li l-imputat gharaf l-izball tieghu u wera x-xewqa tieghu li jaghmel tajjeb ghall-hsara li ghamel.

F'dan l-isfond, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat ghandu jibbenefika minn opportunita` li jikkonsolida l-gharfien tieghu li huwa ghamel hazin u ghalhekk tqis li t-tqeghid tal-imputat taht Ordni ta' Probation tkun l-iktar sanzjoni idónea. Dan qed jinghad ghaliex bl-ghajnuna ta' professjonisti fil-qasam u taht is-sorveljanza tal-Qorti, l-imputat jista' jinghata gwida strutturata f'hajtu, kif ukoll kwalunkwe ghajnuna

psikologika jew ta' xort'ohra li jista' jirrizulta li jehtieg sabiex huwa jirriforma ruhu u sabiex ma jergax jikkommetti reati ohra.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, u wara li rat l-Artikoli 261(c) u (d), 267, 268, 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil -OMMISIS- hati tat-tieni imputazzjoni izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-istess -OMMISIS- taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni u li jekk il-ħati jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, il-ħati jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u rat ukoll illi l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġijiet ta' din l-Ordni ta' Probation.**

**Billi ma jirrizultax li gew mahtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti qieghda tordna li l-atti tal-proceduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**